

**Domanda preliminari**

L-Artikolu 17 tad-Direttiva tal-Kunsill 86/653/KEE, tat-18 ta' Diċembru 1986, dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jirrigwardaw aġenti kummerċjali li jaħdmu għal rashom <sup>(1)</sup>, japplika meta t-terminazzjoni tal-kuntratt ta' aġenzija kummerċjali sseħħ matul il-perijodu ta' prova previst f'dan il-kuntratt?

<sup>(1)</sup> ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 177.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal administratif de Lille (Franza) fil-15 ta' Diċembru 2016 – Adil Hassan vs Préfet du Pas-de-Calais**

**(Kawża C-647/16)**

(2017/C 070/17)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinvju**

Tribunal administratif de Lille

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Adil Hassan

*Konvenut:* Préfet du Pas-de-Calais

**Domanda preliminari**

Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ġunju 2013 <sup>(1)</sup>, jipprekludu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li ressaq talba, quddiem Stat Membru ieħor li huwa jqis bħala l-Istat responsabbli skont il-kriterji stabbiliti mir-Regolament, għat-teħid inkarigu ta' ċittadin jew għat-teħid lura ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew ta' persuna mingħajr Stat li ppreżentat applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali li dwarha għadha ma tteħditx deċiżjoni finali jew ta' persuna oħra msemija fl-Artikolu 18(1)(c) jew (d) tar-Regolament, milli jieħdu deċiżjoni ta' trasferiment u jinnotifikawha lill-persuna kkonċernata qabel l-aċċettazzjoni ta' dan l-inkarigu ta' ċittadin jew dan it-teħid lura mill-Istat mitlub?

<sup>(1)</sup> Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ġunju 2013, li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (ĠU L 180, p. 31).

---

**Rikors ippreżentat fit-23 ta' Diċembru 2016 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Ġermanja**

**(Kawża C-668/16)**

(2017/C 070/18)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Hermes, A. C. Becker, D. Kukovec, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja